MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 139/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Renato Anthony Stivala**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, Renato Anthony Stivala ta' 29 sena, iben Joseph Lawrence u Jane Antida nee` Galea, imwieled il-Kanada fil-25.10.1981, residenti gewwa Flower Park, Block C, Flat 1, Triq in-Nudar, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita` 52093(M).

Akkuzat talli gewwa dawn il-Gzejjer, fl-1 ta'Mejju 2011:

Forna jew iprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga ***Kokajina***, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal- 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern, u skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing*.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta, il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija u li ma jidhirx li ghandu l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qieset ukoll illi dan kien kaz ta’ *trafficking by sharing*, kif gie iddikjarat mill-Prosekuzzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien tletin (30) xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata u illi huwa jista’ jibbenifika darba biss mid-disposizzjoni tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------